TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 158/18/B

Noel Borg Vs Windsor Interiors Ltd

Illum, 18 ta' Frar, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fis-16 t' Ottubru 2018 li permezz tieghu talab rifuzjoni tal-prezz mhallas fl-ammont ta' sitt mija u hamsin Euro (€650) rapprezentanti prezz ta' reclining armchair;

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba u baqghet ma attendietx ghas-seduti quddiem it-Tribunal minkejja illi gew debitament notifikati;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti kien xtara reclining armchair u dan f'Mejju tas-sena 2006 minghand is-socjeta' intimata. Illi r-rikorrenti spejga bil-gurament tieghu illi l-pulturna mill-ewwel kellha xi difetti liema difetti gew irrangati mis-socjeta' intimata.

Illi Noel Borg jispjega illi dakinhar stess li l-pultruna kienet giet ritornata lura mit-tiswija, kien rega inqala' l-hsara fiha. Huwa ghamel kuntratt tas-socjeta' intimata li kienu gabru part mill-istess pultruna. Ir-rikorrenti jispjega illi huwa kien ghamel diversi kuntatti mas-socjeta' intimata izda baqa' minghajr risposta. Kien ghalhekk illi r-rikorrenti ntavola l-ewwel ilment madDipartiment tal-Konsumatur. Illi filfatt is-socjeta' intimata ratifikat issitwazzjoni billi rrangat l-istess pultruna u r-rikorrenti rtira l-ilment tieghu.

Illi f'Settembru 2017 ir-rikorrenti jispjega illi l-pultruna reggha hargilha difett fil-mutur taghha izda din id-darba socjeta' intimata baqghet qatt ma sewwiet l-istess pultruna minkejja diversi promessi illi kellhom jaghmlu kuntratt tarrikorrenti.

Illi dan wassal lir-rikorrenti jerga' jintavola ilment iehor. Illi s-socjeta' intimata fl-istadju tal-medjazzjoni kienet accettat illi thallas lura lir-rikorrenti filwaqt li tigbor l-pultruna (Ara Dokument C Final Agreement between parties).

Illi minkejja dan s-socjeta' intimata naqset milli thallas lir-rikorrenti tant illi Noel Borg jikkonferma illi l-istess ammont ghadu dovut.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mija u hamsin Euro (€650) b'dana pero ssocjeta' intimata jkollha d-dritt wara l-hlas li terga tigbor reclining armchair in kwistjoni.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru